# KRONAKA TAL-GHAQDA

## IL-PROFESSUR ĠUŻÈ GALEA, PRESIDENT TAL-GHAQDA, F'GHELUQ IS-SERVIZZ TIEGHU BHALA TABIB PRINĊIPALI TAL-GVERN

F'għeluq is-servizz tiegħu mal-Gvern bħala Tabib Prinċipali tal-Gvern, fid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa, il-Prof. Kav. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H., kien mistieden għal Cocktail Party, mill-"Group of the Royal Society of Health", fl-14 ta' Lulju, 1961, fil-5.30 ta' wara nofs in-nhar, fl-Uffiċċju tad-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa, il-Belt.

Barra mit-tobba u Uffiċjali Sanitarji tal-Grupp, l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur kellu l-pjaċir minrajh li jieħu sehem f'din il-laqgħa fejn kulħadd xtaq lill-Prof. Galea dak il-mistrieħ li tassew jistħoqqlu għax-xogħol ta' l-amministrazzjoni teknika u għaqlija tiegħu f'wieħed mill-akbar Dipartimenti tal-Gvern, li bil-ħidma tiegħu, ukoll fl-eħrex żminijiet li fihom kienet tinsab il-Gżira, kiber fil-ġieh, fl-importanza u fejda tiegħu għas-saħħa tal-popolazzjoni tal-Gżira.

Il-Prof. Galea f'din l-okkażjoni kellu stedina oħra għal pranzu mogħti mis-"Society of Health Inspectors" fil-Côte d'Or Hotel, Għajn Tuffieħa, fl-1 ta' Awissu, fejn, barra minnu, kienu mistednin ukoll, il-Prof. Kav. C. Coleiro, Aġent Tabib Prinċipali, u t-Tabib Kav. E.A. Stilon li kien għadu kif irtira mill-karika ta' Tabib Anzjan tas-Saħħa u lit-Tabib Attard li issa laħaq Tabib Anzjan tas-Saħħa flok it-Tabib Stilon.

Il-Prof. Galea kien ukoll mistieden flimkien mal-Kav. Dr. E.A. Stilon fl-okkażjoni ta' għeluq is-servizz tagħhom fid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa għal pranzu fil-"Bologna Restaurant", il-Belt, fit-3 ta' Awissu, mill-Aġent Tabib Prinċipali tal-Gvern, mit-Tobba Anzjani ta' l-Uffiċċju Prinċipali tas-Saħħa, mill-Personal tal-Laboratorju Mediku, mis-Suprintendenti ta' l-Istituti, u mill-Personal Amministrativ ta' l-Uffiċċju Prinċipali tas-Saħħa, fejn il-Prof. Coleiro f'diskors li għamel tkellem fuq il-ħidma kbira u fejjieda taż-żewġ mistednin matul is-servizz tagħhom fid-Dipartiment. Il-Prof. Galea u t-Tabib Stilon irringrazzjaw lill-Prof. Coleiro u lil dawk kollha li għoġobhom jistednuhom għal dik il-laqgħa, filwaqt ukoll li fissru l-għożża tagħhom fl-istedina li sarilhom bħala tifkira ta' għeluq is-servizz tagħhom li fih kellhom ix-xorti li jaħdmu flimkien id f'id għall-ġieħ, progress u ġid għas-saħħa tal-Gżira.

Il-Għaqda filwaqt li tingħaqad ma' dawk kollha li f'din l-okkażjoni fissru l-għożża tagħhom f'għeluq is-servizz tiegħu mal-Gvern fid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika li fih il-Prof. Galea ħalla l-isbaħ tifkira ta' ħidma li sfat ta' ġid kbir għad-Dipartiment kif ukoll għas-saħħa tal-Gżira bix-xogħlijiet ġodda u tibdil fl-amministrazzjoni li saru fid-Dipartiment u fl-Istituti fi żmienu, tħossha wkoll fid-dmir li tfisser ix-xewqat tagħha sabiex is-Sema jagħtih ix-xorti li jkollu kif tassew jistħoqqlu l-mistrieħ u t-tgawdija ta' għomor twil, li fih, kif wiegħed lill-Għaqda, huwa jibqa' jgħix magħha u jinteressa ruħu fiha bħalma dejjem għax sa minn mindu kien għadu student tal-Mediċina, meta l-Għaqda kienet waħda mill-egħżeż soċjetajiet fil-ħidma tiegħu bħala kittieb tal-Malti.